MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2006

Numru 909/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**X**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom X gie akkuzat talli gewwa Marsascala, jew/u fi bandi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2003 u fil-gimghat precedenti:

1) b'ghemil zieni, ikkorrompa lill-persuni taht l-eta` u cioe` lil Y minorreni ta' tlettax (13) –il sena;
2) offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok LC 3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Giannella Caruana Curran, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fl-istess Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat inoltre iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Giannella Caruana Curran, rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li qeghdin jaqblu illi rigwardanti l-piena jezistu elementi ghall-mitigezza fosthom il-fedina penali tal-imputat, l-eta` avvanzata tal-imputat, il-kundizzjoni hazina ta’ sahhtu u li l-imputat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 203 u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat X, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat kontenenti infrazzjoni tas-sewqan u dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat X ghall-piena

komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u hamsin Liri Maltin (Lm50) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputat X jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat X l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------